Parlament Ewropew
2014-2019

Dokument ta' sessjoni

B8-0545/2017 }
B8-0548/2017 }
B8-0552/2017 }
B8-0557/2017 }
B8-0559/2017 } RC1

4.10.2017

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
Verts/ALE (B8-0545/2017)
ALDE (B8-0548/2017)
S&D (B8-0552/2017)
PPE (B8-0557/2017)
ECR (B8-0559/2017)

dwar il-każijiet tal-mexxejja tat-Tatari tal-Krimea, Akhtem Chiygoz u Ilmi Umerov, u tal-ġurnalista Mykola Semena
(2017/2869(RSP))

Cristian Dan Preda, Michael Gahler, Sandra Kalniete, Elmar Brok, Dubravka Šuica, Sven Schulze, Tunne Kelam, Lefteris Christoforou, Ivan Štefanec, Laima Liucija Andrikienė, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Mairead McGuinness, David McAllister, Marijana Petir, Pavel Svoboda, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Bogdan Brunon Wenta, Tomáš Zdechovský, Claude Rolin, Jaromír Štětina, Michaela Šojdrová, Milan Zver, Csaba Sógor, József Nagy, Brian Hayes, Adam Szejnfeld, Luděk Niedermayer, Patricija Šulin, Anna Záborská, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Seán Kelly, Deirdre Clune, Andrey Kovatchev, Roberta Metsola, Stanislav Polčák, Anna Maria Corazza Bildt, Ivana Maletić, Željana Zovko, Dariusz Rosati, László Tőkés, Jiří Pospíšil, Inese Vaidere

f'isem il-Grupp PPE
Elena Valenciano, Victor Boştinaru, Soraya Post, Tibor Szanyi
f'isem il-Grupp S&D
Charles Tannock, Anna Elżbieta Fotyga, Tomasz Piotr Poręba, Roberts Zīle, Ryszard Antoni Legutko, Ryszard Czarnecki, Karol Karski, Zdzisław Krasnodębski, Urszula Krupa, Branislav Škripek, Monica Macovei, Ruža Tomašić, Jana Žitňanská, Zbigniew Kuźmiuk
f'isem il-Grupp ECR
Johannes Cornelis van Baalen, Ilhan Kyuchyuk, Javier Nart, Petras Auštrevičius, Marietje Schaake, Urmas Paet, Pavel Telička, Louis Michel, Frédérique Ries, Nathalie Griesbeck, Jasenko Selimovic, Gérard Deprez, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Marian Harkin, Dita Charanzová, Cecilia Wikström, Ivan Jakovčić, Beatriz Becerra Basterrechea, Robert Rochefort, Martina Dlabajová, Valentinas Mazuronis, Norica Nicolai, Carolina Punset, Jozo Radoš
f'isem il-Grupp ALDE
Rebecca Harms, Heidi Hautala, Bronis Ropė, Igor Šoltes, Davor Škrlec, Michel Reimon, Sven Giegold, Bodil Valero, Jordi Solé, Bart Staes
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-każijiet tal-mexxejja tat-Tatari tal-Krimea, Akhtem Chiygoz u Ilmi Umerov, u tal-ġurnalista Mykola Semena (2017/2869(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni / Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva bejn l-UE u l-Ukrajna,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna u dwar il-Krimea, dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat u dwar is-Sħubija tal-Lvant, u b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni / Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna[1], ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2016 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Krimea, b'mod partikolari tat-Tartari tal-Krimea[2], ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016 dwar it-Tartari tal-Krimea[3] u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2017 dwar il-priġunieri Ukreni fir-Russja u s-sitwazzjoni fil-Krimea[4],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-25 ta' Settembru 2017 dwar "Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea temporanjament okkupata u fil-belt ta' Sevastopol (l-Ukrajna)",

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 68/262 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-27 ta' Marzu 2014 bit-titolu "L-integrità territorjali tal-Ukrajna" u r-Riżoluzzjoni Nru 71/205 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tad-19 ta' Diċembru 2016 bit-titolu "Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u fil-belt ta' Sevastopol (l-Ukrajna)",

– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-issuktar tas-sanzjonijiet imposti fuq il-Federazzjoni Russa bi rbit mal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea,

– wara li kkunsidra d-dritt umanitarju internazzjonali u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tiegħu dwar it-territorji okkupati u t-trattament u l-ħarsien ta' persuni ċivili,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi bosta rapporti kredibbli, inkluż l-aktar wieħed reċenti mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, joffru evidenza tal-abbuż dejjem jikber tad-drittijiet tal-bniedem fil-Krimea, li jaffettwa lil rappreżentanti tat-Tatari tal-Krimea, ġurnalisti, persuni li jaħdmu fil-midja, bloggers u ċittadini li jsemmgħu leħinhom kontra l-okkupazzjoni Russa jew sempliċement jipprovaw jiddokumentaw l-atroċitajiet tal-

[1] Testi adottati, P8_TA(2016)0018.
[2] Testi adottati, P8_TA(2016)0043.
[3] Testi adottati, P8_TA(2016)0218.
[4] Testi adottati, P8_TA(2017)0087.

awtoritajiet *de facto*;

B. billi r-rapport tal-Uffiċċju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-25 ta' Settembru 2017 dwar "Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea temporanjament okkupata u fil-belt ta' Sevastopol (l-Ukrajna)" jiddikjara li "ġew dokumentati każijiet serji ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, bħalma huma l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrarji, l-għajbien furzat, it-trattament ħażin u t-tortura, u tal-anqas eżekuzzjoni extraġudizzjarja waħda";

C. billi Ilmi Umerov, mexxej tat-Tatari tal-Krimea u Viċi President tal-Mejlis, ġie kkundannat għal perjodu ta' sentejn il-ħabs talli esprima dissens fil-konfront tal-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea skont l-Artikolu 280.1 tal-kodiċi kriminali Russu dwar "sejħiet pubbliċi għal azzjoni mmirata lejn il-ksur tal-integrità territorjali tar-Russja";

D. billi Akhtem Chiygoz, Viċi President tal-Mejlis, ġie kkundannat għal tmien snin priġunerija talli "organizza rvellijiet tal-massa" fis-26 ta' Frar 2014;

E. billi l-ġurnalista Mykola Semena ngħata sentenza sospiża ta' ħabs għal perjodu ta' sentejn u nofs u projbizzjoni għal tliet snin fuq it-twettiq ta' xogħol ġurnalistiku abbażi tal-Artikolu 280.1 tal-kodiċi kriminali Russu dwar "sejħiet pubbliċi għal azzjoni mmirata lejn il-ksur tal-integrità territorjali tar-Russja";

F. billi s-sentenzi reċenti tal-qorti juru li s-sistema ġudizzjarja qiegħda tiġi strumentalizzata bħala għodda politika ta' trażżin kontra dawk li jopponu l-annessjoni Russa tal-peniżola tal-Krimea;

G. billi, f'diversi każijiet, ġew irrappurtati ħtif, għajbien furzat, kif ukoll l-użu tat-tortura u t-trattament krudili u degradanti fil-faċilitajiet ta' detenzjoni; billi t-tortura ntużat biex tinkiseb evidenza falza ta' ħtija; billi dawn l-allegazzjonijiet sal-lum għadhom ma ġewx investigati b'mod xieraq;

H. billi fil-Krimea saret esproprjazzjoni fuq skala kbira ta' proprjetà pubblika u privata mingħajr kumpens jew konsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-dritt umanitarju internazzjonali li jħarsu l-proprjetà milli tiġi sekwestrata jew meqruda;

I. billi l-ispazju biex is-soċjetà ċivili topera fil-Krimea tnaqqas konsiderevolment hekk kif stabbilimenti tal-midja sfaw magħluqa, fattur li affettwa b'mod sproporzjonat lill-komunità tat-Tatari tal-Krimea, id-dritt tagħhom għall-informazzjoni u d-dritt tagħhom li jżommu l-kultura u l-identità tagħhom;

J. billi l-annessjoni tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa hija illegali u tikser id-dritt internazzjonali u l-ftehimiet Ewropej iffirmati kemm mill-Federazzjoni Russa u kemm mill-Ukrajna, b'mod partikolari l-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Helsinki u l-Memorandum ta' Budapest tal-1994 u t-Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Sħubija bejn l-Ukrajna u l-Federazzjoni Russa tal-1997;

K. billi, għat-tul kollu tal-annessjoni, il-Federazzjoni Russa għandha tinżamm responsabbli għall-ħarsien tal-poplu u taċ-ċittadini tal-Krimea, permezz tal-awtoritajiet *de facto*

preżenti fir-reġjun;

1. Jikkundanna s-sentenzi maħruġa fil-konfront ta' Ilmi Umerov, mexxej tat-Tatari tal-Krimea u Viċi President tal-Mejlis, Akhtem Chiygoz, Viċi President tal-Mejlis, u l-ġurnalista Mykola Semena; jitlob l-annullament ta' dawn il-kundanni, kif ukoll ir-rilaxx immedjat u bla kundizzjonijiet tas-Sur Chyigoz u t-twaqqigħ immedjat u bla kundizzjonijiet tal-akkużi kollha kontra s-Sur Semena;

2. Jikkundanna bil-qawwa s-sentenzi ħorox li ngħataw lill-mexxejja tal-komunità tat-Tatari tal-Krimea u lil oħrajn li jopponu l-annessjoni Russa, bħal Uzair Abdullaev, Teymur Abdullaev, Zevri Abseutov, Rustem Abiltarov, Muslim Aliyev, Refat Alimov, Ali Asanov, Volodymyr Balukh, Enver Bekirov, Oleksiy Bessarabov, Hlib Shabliy, Oleksiy Chirniy, Mustafa Degermenji, Emil Dzhemadenov, Arsen Dzheparov, Volodymyr Dudka, Pavlo Gryb, Rustem Ismailov, Mykola Karpyuk, Stanislav Klykh, Andriy Kolomiyets, Oleksandr Kolchenko, Oleksandr Kostenko, Emir-Usein Kuku, Sergey Litvinov, Enver Mamutov, Remzi Memethov, Yevhen Panov, Yuri Primov, Volodymyr Prisich, Ferat Sayfullayev, Eider Saledinov, Oleg Sentsov, Vadym Siruk, Oleksiy Stogniy, Redvan Suleymanov, Roman Sushchenko, Mykola Shiptur, Dmytro Shtyblikov, Viktor Shchur, Rustem Vaitov, Valentyn Vygovsky, Andriy Zakhtey u Ruslan Zeytullaev, wara proċedimenti tal-qorti grotteski u akkużi dubjużi; jitlob ir-revoka tas-sentenzi maħruġa lilhom mill-qorti u r-rilaxx immedjat ta' dawk detenuti;

3. Jikkundanna l-politiki diskriminatorji imposti mill-ħekk imsejħa awtoritajiet b'mod partikolari fuq il-komunità indiġena tat-Tatari tal-Krimea, il-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà tagħha, l-intimidazzjoni dejjem tikber fil-ħajja politika, soċjali u ekonomika ta' din il-komunità u ta' dawk kollha li jopponu l-annessjoni Russa;

4. Iqis li d-drittijiet tat-Tatari tal-Krimea ġew serjament miksura bil-projbizzjoni tal-attivitajiet tal-Mejlis u d-dikjarazzjoni tal-Mejlis bħala organizzazzjoni estremista fis-26 ta' April 2016, u bil-projbizzjoni fuq il-mexxejja tagħhom li jerġgħu jidħlu fil-peniżola; itenni bil-qawwa l-appell tiegħu għall-annullament immedjat tad-deċiżjonijiet relatati u l-effetti tagħhom, kif ukoll sabiex tkun żgurata l-konformità mal-Ordni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar il-miżuri proviżorji fil-kuntest tal-proċedimenti mibdija mill-Ukrajna kontra l-Federazzjoni Russa, maħruġa fid-19 ta' April 2017, li tikkonkludi li l-Federazzjoni Russa jeħtiġilha "tastjeni milli tibqa' tapplika jew milli timponi limitazzjonijiet fuq l-abilità tal-komunità tat-Tatari tal-Krimea li tikkonserva l-istituzzjonijiet rappreżentanti tagħha, fosthom il-Mejlis";

5. Ifakkar li r-realtà ta' ripressjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-estremiżmu, it-terroriżmu u s-separatiżmu wasslu għal deterjorament serju tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-peniżola tal-Krimea u għall-ksur mifrux tal-libertà ta' espressjoni u assoċjazzjoni, u li l-impożizzjoni furzata taċ-ċittadinanza Russa saret sistematika u l-libertajiet fundamentali mhumiex garantiti fil-peniżola tal-Krimea; jitlob li l-leġiżlazzjoni diskriminatorja tiġi revokata u jenfasizza l-bżonn urġenti li tittieħed responsabilità għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-peniżola;

6. Jikkundanna bil-qawwa l-prattika prevalenti tat-trasferiment tad-detenuti lejn reġjuni mbiegħda tar-Russja, peress li dan jippreġudika serjament il-komunikazzjoni mal-familji u l-ħbieb tagħhom u l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li

jimmonitorjaw il-benessri tagħhom; jissottolinja li din il-prattika tikser il-leġiżlazzjoni Russa fis-seħħ, b'mod partikolari l-Artikolu 73 tal-Kodiċi Kriminali, li jistipula li s-sentenzi jridu jiġu skontati fir-reġjun ta' residenza tal-persuni kkundanati jew li fih tkun ingħatat is-sentenza tal-qorti;

7. Jistieden lill-SEAE u lid-Delegazzjoni tal-UE fir-Russja jsegwu mill-qrib il-proċessi li għaddejjin bħalissa u jżommu għajnejhom fuq kif qed jiġu trattati d-detenuti; jinsab partikolarment imħasseb dwar it-rapporti rigward l-użu ta' trattamenti psikjatriċi punittivi; jistenna li d-Delegazzjoni tal-UE, is-SEAE u l-ambaxxati tal-Istati Membri jsegwu mill-qrib dawn il-proċedimenti u jfittxu li jagħmlu kuntatt mad-detenuti qabel, matul u wara l-proċessi tagħhom;

8. Jistieden lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tikkunsidra l-applikazzjonijiet għal rimedju kollha mill-Krimea bl-ogħla prijorità possibbli, peress li s-sistema ġudizzjarja nazzjonali Russa ma tistax tipprovdi u ma tipprovdix rimedji legali f'dawn il-każijiet;

9. Jikkundanna r-ripressjoni tal-istabbilimenti tal-midja indipendenti li jirrappreżentaw il-komunitajiet tal-minoranzi u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi jżommu lura milli jintroduċu ostakli legali u amministrattivi biex ifixklu l-funzjonament tagħhom;

10. Jitlob li l-osservaturi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-istrutturi speċjalizzati tan-NU, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa, ikollhom aċċess mingħajr xkiel għall-peniżola tal-Krimea sabiex jinvestigaw is-sitwazzjoni fil-peniżola, u jappella biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti; jappoġġa l-inizjattivi mmexxija mill-Ukrajna bil-għan li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati fi ħdan il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Assemblea Ġenerali; jistieden lis-SEAE u lir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem biex jagħtu attenzjoni kostanti għas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-peniżola tal-Krimea u biex iżommu lill-Parlament infurmat;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa proġetti u skambji mmirati lejn it-titjib tal-kuntatti bejn in-nies, kif ukoll proġetti u skambji li jippromwovu l-bini tal-paċi, ir-riżoluzzjoni tal-konflitti, ir-rikonċiljazzjoni u d-djalogu interkulturali, fosthom fil-Krimea; iħeġġeġ l-evitar tal-ostakli burokratiċi u jinkoraġġixxi approċċi aktar flessibbli li jippermettu aċċess aktar faċli għall-osservaturi internazzjonali fil-peniżola, inklużi l-membri parlamentari, bil-qbil ta' Kiev u mingħajr ma dan jiġi interpretat bħala rikonoxximent tal-annessjoni;

12. Jissottolinja li l-miżuri restrittivi għandhom ikunu imposti fuq l-individwi kollha responsabbli għall-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk l-uffiċjali tal-Krimea u tar-Russja direttament responsabbli għall-ħruġ ta' akkużi u sentenzi fil-konfront ta' Akhtem Chiygoz, Mykola Semena u Ilmi Umerov, u dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-iffriżar tal-assi fil-banek tal-UE u l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar; itenni l-appoġġ tiegħu għad-deċiżjoni tal-UE li tipprojbixxi l-importazzjonijiet mill-Krimea u l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti u teknoloġiji, investiment, kummerċ u servizzi fil-Krimea;

13. Jiddeplora l-qagħda mwiegħra tat-tfal tal-Krimea li qed jitrabbew mingħajr missier

peress li l-missirijiet ġew imċaħħda illegalment mil-libertà tagħhom bħala priġunieri politiċi *de facto*, inklużi dawk trasferiti f'partijiet imbiegħda tal-Federazzjoni Russa; iqis li dan huwa ksur sfaċċat tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali, id-drittijiet tat-tfal u l-obbligi internazzjonali tal-Federazzjoni Russa, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal; jistieden lill-awtoritajiet Russi u lill-awtoritajiet *de facto* tal-Krimea jippermettu lill-persuni msemmija hawn fuq ikollhom kuntatt regolari ma' qrabathom, b'mod partikolari mal-minuri;

14. Ifakkar lill-awtoritajiet Russi li fil-kapaċità *de facto* tagħhom bħala setgħa okkupazzjonali li teżerċita kontroll effettiv fuq il-Krimea, huma kompletament responsabbli għall-ħarsien taċ-ċittadini tal-Krimea minn miżuri ġudizzjarji jew amministrattivi arbitrarji, u bl-istess mod huma obbligati mid-dritt umanitarju internazzjonali li jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fil-peniżola;

15. Jappoġġa s-sovranità, l-indipendenza, l-unità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha li huma rikonoxxuti internazzjonalment u jtenni l-kundanna tiegħu tal-annessjoni illegali tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa; jappoġġa l-politika tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li ma jirrikonoxxux l-annessjoni illegali tal-peniżola tal-Krimea u li jimponu miżuri restrittivi meħuda f'dan ir-rigward; jesprimi tħassib kbir dwar il-militarizzazzjoni fuq skala kbira li qed tapplika r-Russja fuq il-peniżola tal-Krimea, u li qed thedded is-sigurtà reġjonali u pan-Ewropea;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati Membri, lill-President tal-Ukrajna, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Ukrajna u tal-Federazzjoni Russa, lill-Assemblej Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Mejlis tal-Poplu Tatar tal-Krimea u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.